# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 6 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 574/98**

**Numru 37**

**Universal Commerce Agency Company Limited**

**vs**

**Vijay Balani**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm505.16 liema somma tirrapresenta import ta' hames kambjali, ffirmati u accettati, lkoll skaduti izda mhux imhallsa, u charges, kif jidher mill-istatement anness mal-avviz bhala Dok "A".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficali tat-18 ta' Frar 1998, u tal-mandat ta' qbid tat-13 ta' Marzu 1998, u bl-imghaxijiet legali mid-data

tal-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-7 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm505.16,0 bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 1998 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tat-13 ta' Marzu 1998.

Alan Calleja
Deputat Registratur